**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 24 ta` Lulju 2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**KEVIN CASSAR**

**Kump Nru 879/2012**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Kevin Cassar detentur tal-karta tal-identita bin-numur 43270M** gie akkuzat talli:

1. Nhar it-18 ta' Gunju 2012, bejn is-saghtejn ta' wara nofsinhar u l-hdax ta' filghaxija gewwa l-Park and Ride, Floriana, ikkommettejt serq ta' stereo u flus kontanti minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni JJC852 ghad-dannu ta' Simon Vella, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda ma jaqbizx elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli rrendejt ruhek ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstabt hati b’diversi sentenzi tal-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll talli wettaqt reat fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza;

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f’Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-31 t’ Awwissu 2012 (ara *folio* 16) sabiex din il-kawza titmexxa bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensur tal-imputat qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-Atti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra:

1. l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat;

2. il-fatt, kif jirrizulta vverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess, li l-imputat ikkumpensa lill-vittma Simon Vella;

**Konkluzjoni**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib lil Kevin Cassar,** bhala recidiv, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu, u tikkundannah ghall-piena ta` 18-il xahar prigunerija; izda tordna li s-sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul dak il-perijodu ta` tlett snin (3) mid-data ta` din l-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9, l-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur